

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9555/26
ADD 1

SOC 280
GENDER 43
ANTIDISCRIM 59
JAI 633
DROIPEN 95
TELECOM 255
CYBER 242
JEUN 82

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8592/1/26 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet - <i>Approvazzjoni</i> - <i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni HU b'rabta mal-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

**dwar il-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PREVENZJONI U L-ĠLIEDA
KONTRA L-VJOLENZA ĊIBERNETIKA FUQ IL-BNIET**

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala dak li jipprovdi possibbiltajiet u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. F'dan il-kuntest u f'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet*.
